MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 29/2012

**A.J & F ATTARD LIMITED**

**Vs**

**AWTORITA TAD-DJAR; ID-DIRETTUR TAL-KUNTRATTI; L-AVUKAT GENERALI ghal kull interess li jista' jkollu.**

Il-Qorti,

Rat in-nota konguntiva tal-Arbitri l-Perit Joe Ellul Vincenti u l-Imhallef Emeritus Philip Sciberras fejn irrilevaw illi z-zewg relazzjonijiet minnhom ippreparati ghandhom jitqiesu bhala decizjoni wahda "*quid unum*". Rat ghalhekk il-*lodo* arbitrali kif maqsuma fid-decizjoni moghtija mill-Arbitru Ellul

Vincenti u dik tal-Imhallef Emeritus Dr. Philip Sciberras moghti mit-Tribunal tal-Arbitragg fid-29 ta' Mejju 2012 fejn gie deciz mill-aspett tekniku:-

*"L-Arbitru:*

*Dan l-arbitragg hu in konnessjoni ma' "Tender for the Construction & Semi-Finishing of twenty (20) flats and twenty-two (22) garages at Blok 1 – 3 and Maisonettes 1 – 2 at Gebel l-Abjad, Marsaskala," Numru ta' Referenza HT2005/32 u Letter of Acceptance datata 18 ta' Jannar 2006, cioe` Dok AJF/1 attacjata man-Notice of Arbitration sottomess fis-7 ta' Settembru 2010.*

*It-talbiet tal-Claimant, A.J. & F. Attard Ltd huma dawn:-*

*(1) Li jigu imhallsa ta' xoghol li gie ordnat mill-perit inkarigat mix-xoghol, in konnessjoni ma' garr ta' blat minnha mqatta' u dan bir-rata ta' tmien Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€8.74) kull metro kubu li ghal hamest elef u tmien mitt metro kwadri (5,800m²) ta' materjal jammonta ghas-somma ta' hamsin elf, sitt mija u tlieta u sittin Ewro u seba' u tmenin centezmu (€50,663.87)*

*(2) Peress li d-ditta attrici kienet giet imwaqqfa' mill-awtoritajiet milli tkompli bix-xoghol miftiehem minhabba diffikultajiet li nqalghet fil-pediment, u peress li kien ghoxrin (20) xahar wara li regghu gew awtorizzati mill-awtoritajiet biex ikomplu bix-xoghol, u dan wara li gew moghtija sett gdid ta' pjanti u disinn ghall-pjattaforma ta' concrete, id-ditta attrici qed isostni li:*

*(a) Ix-xoghlijiet u l-prezzijiet relattivi kienu saru aktar minn sentejn u nofs (2½) qabel.*

*(b) Il-kwalita` tax-xoghol gdid Sostanzjalment.*

*(c) Il-prezzijiet tal-materja prima, fuel u mano d'opera zdiedu b'rata mghaggla hafna.*

*B'rizultat ta' dan id-ditta attrici talbet lill-Awtorita tad-Djar biex tikkunsidera u tirrevedi ir-rati.*

(3) *Titlob lill-Awtorita` tad-Djar biex ghab-bazi ta' kont mahrug mill-Perit Dieter Falzon li jammonta ghas-somma ta' erbgha mija u hamsin elf, erba' mija u erbgha u erbghin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€450,444.35) u li minnu gia thallsu tlett mija u sittin elef, sitt mija u tletin Ewro u tmenin centezmu (€360.630.80), thallas lid-ditta A.J. & F. Ltd il-bilanc ta' disgha u tmenin elf, tmien mija u tlettax-il Ewro u erba' u hamsin centezmu (€89,813.54), kif ukoll is-somma ta' hamsin elf, sitt mija u tlieta u sittin elf Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€50,663.87) ghall-garr ta' blat mhux komtemplat fit-tender.*

(4) *Tikkonferma illi l-kuntratt bejn il-partijiet ghadu in vigore u qeghda hawn titlob li tithallas tkompli tesegwixxi x-xoghol ai termini tat-tender fuq imsemmija.*

(5) *Li fil-kaz ta' nuqqas ta' qbil biex A.J. & F. Attard Ltd tkompli bix-xoghol skond prezzijiet li jistghu jigu stabbiliti, il-kumpanija ghandha tigi kumpensata ghad-danni sofferti, inkluz loss of profit u rimborz tar-retention money.*

(6) *Titlob hlas ta' spejjez tal-proceduri odjerni.*

***<u>"Trattazzjoni ta' L-Ewwel Talba tal-Atturi</u>***

*Il-perit inkarigat dirett mix-xoghol mertu ta' dan l-Arbitragg, kien il-perit Simon Darmanin u kien dan l-istess perit li tah stampa cara ta' x'kien gara.*

*Kif jidher minn Dok HA/2 u Dok HA/3, ix-xoghol sar u twettiq skond l-iskema miftiehma mal-perit Simon Darmanin.*

*Qal li sakemm tlestew il-pjanti godda, il-kuntrattur seta' jaghmel biss xogholijiet minuri.*

*Qal li ma jafx jekk tahx ordni jew le ghal-carting away, pero` dan bilfors kellu jsir qabel jibda x-xoghol tal-pjattaforma.*

*Qal li ma jafx li l-kuntrattur ghamel claim ghall-garr tal-materjal.*

*Qal li fil-Bill of Quantities ma kienx hemm provvediment ghal carting away tal-materjal ghax kien hemm sensiela ta' tenders li hargu b'dan in-nuqqas.*

*Qal "f'okkazjoni ohra cioe` fi Triq l-Indipendenza, Zebbug, alavolja ma kienx hemm inkluz kondizzjoni ghal-carting away, xorta wahda sar xi hlas, izda ma nafx ir-rata tal-qtugh tal-blat u lanqas kemm thallsu ghall-carting away" (Ara xhieda ta' Simon Darmanin tas-27 ta' Jannar 2011).*

*Il-klawsola 1.1 a pagna 11 tal-kuntratt hi biss nota generali rigwardanti l-excavation. X'inhu inkluz jew le johrog mill-Bill of Quantities.*

*Il-kliem "wheeling & depositing material" fil-klawsola 1.1 tfisser garr ta' materjal fis-sit tax-xoghol u mhux garr barra mis-sit. Dan gie kkonfermat u spjegat tajjeb mill-perit Simon Darmanin fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Frar 2011.*

*G.31 tal-Kuntratt tghid "all rubbish will be cleared and carted away" (Ara page 9 tal-Kuntratt) izda dan ma jinkludiex il-carting away tal-materjal skavat izda jinkludi biss imbarazz li jakkumola fuq il-post tax-xoghol. Dan jikkonfermah ukoll il-perit Simon Darmanin fejn qal li l-kuntrattur irid inaddah is-sit minn kull skart qabel jitlaq. Dan qed jinghad ghal kull trade.*

*Il-perit Simon Darmanin jaghmilha cara fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Frar 2011 li "Fil-Bill of Quantities ma kienx inkluz il-carting away" u kompla biex qal li "l-Bill of Quantities hareg kif inhu ghax kien sar zball."*

*Jidher li l-kuntrattur ma zammx mal-General Conditions G.24 u ma ghamilx il-claim tieghu fi zmien tmien (8) gimghat mit-talba tal-perit biex jaghmel tali xoghol.*

*Ta' min hawn ighid li l-carting away f'dan il-kaz kien "extra work" u mhux "variation order".*

*Dr Hubert Theuma fil-kontro ezami tieghu ta' Simon Darmanin jirreferi ghall-Klawsola 1.01 Excavations, pagna 2, fejn hemm inkluz li l-materjal irid ikun trasportat sa dumping site. Ta' min ighid li din tirreferi ghall-hamrija u/jew loose material li jkun fuq is-sit u mhux ghal tqattiegh ta' blat. L-iskavar tal-blat jissemma f'para 1.03 u mhux 1.01 fejn hemm inkluz li jrid isir it-tqattiegh izda m'hemmx inkluz li jrid jigi trasportat ghal dumping site.*

*Il-perit Godfrey Bonello qal li minhabba problemi, il-progett gie "On hold" f'Ottubru 2006. Dan il-perit ikkonferma li fit-tender kien hemm item nieqes, cioe` "Carting away".*

*Qal li kien hemm tenders ohra li hargu b'dan in-nuqqas bhal f'Pembroke u l-Imgarr. Qal li jaf li fil-kaz ta' Pembroke, it-talba ghall-carting away kienet giet accetata mill-Kuntratti (Ara xhieda perit Godfrey Bonello tal-10 ta' Marzu 2011).*

*Il-perit Anton Camilleri fis-seduta tal-14 ta' April, 2011, qal li "ahna dan l-item inkludejnieh biex ikopri t-tqattiegh, tnehhija u garr ta' materjal, izda bi zvista l-kliem 'and carting away' thassru. Minhabba dan l-izball kien hemm kuntratturi li thallsu li thallsu extra ghall-carting away (Ara xhieda perit Anton Camilleri, 14 ta' April 2011).*

*Il-perit Anton Camilleri kkonferma li item G.31 tal-kuntratt kien dejjem intiz ghall-hmieg u mbarazz li jithalla fuq il-post wara x-xoghol ta' diversi tradesmen.*

*Skond il-perit Dieter Falzon, il-Bill of Quantities kien jikkomprendi l-iskavar, il-garr u rimi u dawn it-tlett items f'dan il-kaz li gew inkluzi f'item wiehed. Kemm il-perit Simon Darmanin kif ukoll il-perit Anton Camilleri, it-tnejn ma jaqblux ma' l-istatement tal-perit Dieter Falzon, tant li kkonferma li bi zball ma giex specifikat li r-rata qed tkopri l-iskavar, garr u rimi.*

*Jidher li sa April 2007, il-kuntrattur qatt ma talab ghall-carting away u dumping, izda t-talba saret fi Frar 2008 (Dok HA/6).*

*Jidher li l-fatt li certu kuntratti hargu bi zball fejn ma kinux jinkludu carting away and dumping taw lok biex xi kuntratturi inghataw kumpens wara li ssottomettew talba ghal dan il-kumpens. Dan gie kkonfermat mill-perit Sandra Magro waqt is-seduta ta' 19 ta' Jannar 2012.*

*Jidher car, anke mix-xhieda tad-Direttur tal-Kuntratti tas-16 ta' April 2012, illi hu kien konxju li kien hemm kuntratti ohra fejn l-item ghall-iskavar ma kienx jidher bic-car jekk jinkludix il-carting u dumping.*

*Fic-cirkostanzi, is-sottoskritt ihoss illi mix-xhieda, specjalment tal-periti involuti direttament f'dan il-kuntratt, ir-rata ghall-iskavar tal-blat ma kinitx tkopri l-garr u rimi ta' l-istess blat skavat.*

*Min-naha l-ohra, il-kuntrattur ma mexiex mar-regoli tal-kuntratt u ghamel talba fi zmien tmien (8) gimghat, izda ghamel ix-xoghol kif ordnat u wara zmien twil ghamel it-talba. Dan ix-xoghol kien stmat is-somma ta; hamsin elf, sitt mija u tlieta u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€50,663.87) u nhadem ghab-bazi ta' hamest elef u tmien mitt metri kwadri (5,800m²) bir-rata ta' tmien Ewro u erbgha u sebghin centezmu kull metru kubu (€8.74/m²). Din ir-rata u l-ammont qatt ma gew challenged u ghalhekk qed jigu konsiderata bhala accettati mid-Dipartiment tal-Kuntratti.*

*Il-kuntratturi qed jitolbu wkoll is-somma ta' disgha u tmenin elf, tmien mija u tlettax-il Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€89,813.54) li kien bilanc mis-somma ta' erbgha mija u hamsin elf, erba' mija u erbgha u erbghin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€450,444.35) skond kif dedotta mill-perit Dieder Falzon. Dan jidher li hu dovut lill-kuntrattur u ghandu jithallas bl-interess minn meta sar ix-xoghol sal-pagament effettiv.*

*Ra i**t-tieni talba** tal-kuntrattur, cioe` biex jigi deciz jekk it-tender de qua hiex terminata jew le, din hi haga legali u qed tithalla f'idejn l-arbitru legali.*

*Ra t-**tielet talba,** is-sottoskritt hu ta' l-opinjoni li t-tender moghtija lill-kuntrattur A.J. & F. Attard Ltd fit-18 ta' Jannar 2006, gie tant mibdula u mizjuda u dahlu tant rati godda li, fil-fatt, m'ghandhix it-tender li dahal ghaliha l-kuntrattur f'Jannar 2006. Wiehed jistenna li, u hi normali li, f'tender ikun hemm zidiet jew tnaqqis fil-Bill of Quantities izda f'dan il-kaz dan kien eccessiv u biddel kompletament in-natura ta' din it-tender. Il-waqfien sakemm saru pjanti godda u Bill of Quantities gdid sakemm saru l-kalkoli necessarji u sakemm dawn ghaddew mill-burokrazija tal-Housing authority u tal-Kuntratti, ghadda hafna zmien, kwazi sentejn u f'dawn is-sentejn kien hemm varjazzjoni fil-prezzijiet tal-materja prima, specjalment fil-hadid u ghalhekk wiehed jistenna li jekk il-kuntrattur ma jithallhix jahdem din it-tender allura jkun gust u xieraq illi jinghata somma ta' hmistax fil-mija (15%) tal-valur ta' l-ewwel tender, bhala loss of profit, wara li jitnaqqas l-ammont li jkopri x-xoghol li gja sar u tlesta u kif gie certifikat mill-perit Dieder Falzon.*

***Ir-raba' talba** hi purament legali u qeghda tithalla f'idejn l-arbitru legali."*

U imbaghad mill-aspett legali:

*"L-Arbitru;*

***<u>PRELIMINARI</u>***

*(7) Sostanzjalment, il-pretenzjonijiet tas-socjeta` A.J. & F. Attard qeghdin jigu sudivizi kif gej:*

*(i) Rimbors ghall-garr tal-blat skavat li ma kienx ikkontemplat fit-tender;*
*(ii) Revizjoni tar-rati dettaljat fit-tender ghall-motiv ta' tibdil fil-pjanti u fid-disinn tal-istruttura, bil-konsegwenti zieda fil-kwantita` tax-xoghlijiet u awment fil-prezzijiet tal-materja prima u tal-mano d'opera;*
*(iii) Li ghandha tithallas tissokta bl-ezekuzzjoni tal-appalt fit-terminu tat-tender, u, in mankanza, li tigi ikkumpensata ghad-danni;*

*(8) Kontra dawn il-pretensjonijiet l-Awtorita tad-Djar tirribatti illi:-*

*(i) Is-socjeta` appaltatrici ghamlet dak il-garr minn jeddha u minghajr ordni specifika tal-Perit inkarigat, kif hekk jistatwixxi kondizzjoni G24 tat-tender u klawsoli 5 u 6 tal-General Conditions. F'kull kaz dak il-garr kien diga' inkluz fil-prezz kwotat fit-tender;*

*(ii) Il-prezzijiet kwotati fit-tender kellhom jibqghu stabbli ghad-durata tal-kuntratt. Dan, kif mahsub fi klawsola G5 (Fixed Tender Rates). Ghaldaqstant, is-socjeta appaltatrici ma kelliex jedd titlob revizjoni taghhom.*

*(iii) Kienet is-socjeta` appaltatrici li abbandunat ix-xogholijiet u tterminat unilateralment il-kuntratt, u ma` dan qabel id-Dipartiment tal-Kuntratti. Ma setax ghalhekk il-kuntrattur zmien wara jippretendi li jissokta bix-xoghlijiet skond ir-rati originali, una volta li l-kuntratt kien intemm. Konsegwentament, il-kuntrattur ma ghandux dritt ghall-ebda hlas ghad-danni. F'dan il-kuntest l-Awtorita` insistiet li t-terminazzjoni unilaterali ghanda tigi mill-Arbitri ratifikata, u/jew dikjarat mitmum skond klawsola 23 tal-General Conditions. Permezz ta' kontro-talba l-Awtorita` irreklama id-danni proprju minhabba inadempjenza da parti tal-kuntrattur, kif ukoll il-penali ai termini tal-klawsola 21 tal-General Conditions.*

*(9) Bejn wiehed u iehor d-difizi tad-Direttur tal-Kuntratti huma koncepita fl-istess sens simili ghal dawk tal-Awtorita ` tad-Djar.*

*(10) In succinct, s-socjeta` appaltatrici wiegbet hekk ghal kontro-talba tal-Awtorita tad-Djar:*

*(i) Ma huwiex minnu illi hi waqfet unilateralment mix-xoghol;*

*(ii) Ma jaghmelx sens li l-Awtorita` tghid li hi tterminat il-kuntratt u, fl-istess waqt, titlob ir-ratifika ta' din it-terminazzjoni, anke ghaliex iz-zewg affarijiet ma humiex konciljabbli;*

*(iii) Irid jinghad illi wkoll wara s-suppost terminazzjoni l-Awtorita ` baqghet taghti x-xoghol lilha. Barra minn dan l-approvazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti fir-rigward tat-terminazzjoni giet sorvolata f'Mejju 2009 meta s-socjeta` talbet li tithallas tkompli bit-twettiq tax-xoghlijiet bir-rati originali;*

*(iv) L-ittra li intbaghtet mill-Awtorita` ma tistax titqies bhala terminazzjoni gjaladarba intbaghtet bla pregudizzju u, f'kull kaz, kien biss id-Dipartiment tal-Kuntratti li seta` jmur lura mill-Letter of Acceptance.*

*(v) Ma jistghux jintalbu l-penali u d-danni flimkien;*

*(vi) Il-klawsola 23 tal-kundizzjonijiet generali ma tapplikax meta t-termini tal-kuntratt gew drastikament mibdula.*

***L-EWWEL TALBA***

*L-esponenti jikkondividi pjenament il-gudizzju prudenzjali tal-Arbitru tekniku in kwantu dan jikkorrispondi ghall-interpretazzjoni awtentika tal-klawsoli relattivi tal-kuntratt ghal liema jaghmel referenza, fir-riflessjoni tal-provi accertati. In effetti, wara li l-esponenti ezamina hu wkoll il-provi prodotti, ma jarax raguni illi jiddiskosta ruhu mill-konkluzjoni raggunta, u, anzi, hu tal-fehma illi verament ma jistax ikun hemm ebda censura tal-konsiderazzjoni maghmula in meritu ghall-ewwel talba. Taht dawn ic-cirkostanzi l-esponenti jaghmel tieghu l-apprezzament peritali illi ma kien hemm ebda rata iffissata preventivament ghall-carting away tal-blat skavat.*

***IT-TIENI TALBA***

*In linea preliminari jigi denotat illi l-oggett tal-appalt taht konsiderazzjoni kien miftiehem u akkordat bejn il-partijiet bis-sistema tat-tender jew offerta li, kif inhu assjomatiku fil-kontrattazzjonijiet, malli tigi accettata mill-kontroparti kommittent torbot lill-appaltatur. Li jfisser, bhal fi kwalsiasi kuntratt iehor wiehed mill-partijiet kontraenti ma jistghax jiddiskosta ruhu minn dik l-offerta accetata, hlief bil-kunsens u approvazzjoni tal-kontraent l-iehor. Dan enfatikament jistatwih l-artikolu 992 tal-Kodici Civili. Kieku ma kienx hekk is-sistema tal-offerta tista' tigi aggirata a kompjacenza ta' min ipproponiha.*

*Wisq ragonevolment l-offerta originarja tibqa' hekk vinkolanti, kif jinghad fi klawsola G5 tal-General Conditions, rebus sic stantitibus ghaliex jekk l-appaltatur jipprova li z-zieda fil-prezz, minhabba awmenti fil-prezz tal-haddiema jew tal-materjal, je minhabba tibdil fil-pjanta, tkun gravuza ghalih huwa jkun intitolat ghar-revizjoni fil-prezzijiet. Ara artikolu 1639 Kodici Civili inghad fid-decizjoni fl-ismijiet* ***"Francis Xavier Dingli –vs- Frank Cassar Torreggiani et",*** *Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Jannar, 1970 per Imhallef Maurice Caruana Curran, illi "rettament intiz fl-isfond guridiku tieghu dak l-artikolu mhuwiex hlief eccezzjoni ghal principju generali u fundamentali tal-*

*obbligatorjeta` tal-kuntratt". Ghaldaqstant, isib applikabilita` biss ghall-kuntratturi ta' kostruzzjoni ta' bini jew xoghol iehor kbir, anke ghaliex, fi kliem l-istess decizjoni, "r-raguni ta' din l-eccezzjoni hija evidenti, cioe` li l-"hardship" tal-perdita` jista' jkun kbir hafna f'dawk il-kazijiet".*

*Indubbjament, il-kobor tax-xoghlijiet appaltati fil-kaz in ezami jaqa' f'din il-kategorija. Mhux eskluzi allura illi s-socjeta` appaltatrici kellha, fit-terminu tal-imsemmi provvediment tal-Kodici Civili, d-dritt kollu li titlob revizjoni tal-prezz preventivament konvenut bit-tender minhabba certi cirkustanzi impellent elenkati f'dak l-istess provvediment, jekk, u una volta, tipprova li dawk ic-cirkustanzi godda huma gravuzi ghaliha.*

*Premess dan, il-fatti jistabilixxu illi x-xoghol kellu jieqaf ghall-zmien twil in vista tal-htiega tal-ezami u analisi tal-geological strata tal-blat mikxuf. Sa' mill-ittra tad—9 ta' Jannar 2007 (Dok HA4) s-socjeta` appaltatrici attirat l-attenzjoni ghall-fatt li dak id-dewmien, li dwarha hi ma kelliex kontroll jew htija, ikkonstringiha thassar il-kontrattazzjonijiet li kellha mas-sotto kuntratturi u, wkoll, li fil-frattemp kienu zdiedu l-ispejjez u l-costings. Ripetizzjoni ta' din il-lanjanza u talbiet ghal-revizjoni fir-rati issoktaw isiru f'missivi ohra. Ara, ad ezempju, l-ittri tal-istess socjeta` tal-25 ta' April, 2008 (Dok HA 8a), tat-13 ta' Mejju, 2008 (Dok HA 8c) u tad-9 ta' Gunju, 2008 (Dok HA9a) fejn baghtet l-ezercizzju tal-costings maghmul minnha.*

*Huwa sintomatiku illi fic-cirkustanzi prevent r-reklami tas-socjeta` appaltatrici ghaz-zidiet kienet Sostanzjalment gustifikata, anke ghaliex ma kienx aspettat illi din isofri intortament l-konsegwenzi tad-dilungar u burokrazija zejda, kombinat mat-tibdiliet fil-pjanti u d-disinji tal-istruttura li, komplessivament, irrendew l-inkariku tax-xoghlijiet kommissjonati aktar oneruz. Ara l-ispjegazzjoni moghtija mis-socjeta` lid-Direttur tal-Kuntratti fl-ittra taghha tal-31 ta' Lulju 2008 (Dok. HA11). Dan necessarjament iwassal ghal-konsiderazzjoni tat-tielet talba li maghha hi kombinata wkoll il-kontro talba tal-Awtorita tad-Djar.*

***IT-TIELET TALBA***

*Jibda biex jigi osservat minn dak li jinzel mill-provi dokumentali illi fl-ittra taghha tal-25 ta' April, 2008, s-socjeta` kostruttrici mhux biss ilmentat mill-fatt tal-waqfien fl-issuktar tal-ezekuzzjoni tal-appalt (18 il-xahar), imma wara li gie rikjesta verbalment li issa tista' tkompli bix-xoghlijiet, talbet fuq kollox li ssir laqgha halli jigu diskussa r-rati riveduti. Fiha inghad in calce ill "if the revision of the rates are not settled, we will have no option but to halt the works*

*there and then. Hopefully, this would not be the case". Kif osservat aktar 'il-fuq, din l-ittra giet segwitu b'zewgt ittri ohra datati 13 ta' Mejju 2008 u 9 ta' Gunju 2008, sakemm fl-ahhar, fl-assenza ta' rispons adegwata, kitbet lill-Housing Construction & Maintenance Department fejn gharrfitu illi, sakemm jigu riveduti l-prezzijiet, kienet kostretta tieqaf mix-xoghlijiet. Din l-ittra hi datata 4 ta' Lulju 2008 (Dok. HA 9b).*

*Finalment, imbaghad, l-istess socjeta` appaltatrici kitbet lid-Direttur tal-Kuntratti b'ittra ta' Lulju 2008 (Dok. HA 11) fejn informatu illi jekk ma jintlahaqx qbil, dejjem in meritu ghar-revizjoni fil-prezzijiet, ser tkun kostretta kontra qalbha tinhall mill-ftehim. Anke hawn jidher li l-Awtoritajiet koncernati hadu z-zmien taghhom biex jiddeciedi dwar terminazzjoni tal-kuntratt, kif soggett ghall-kondizzjoni elenkati fl-ittra datata 11 ta' Dicembru 2008 li d-Direttur tal-Kuntratti baghat lil Housing Authority (Dok HA12).*

*F'dan l-isfond l-esponenti huwa tal-fehma, wara li9 debitament ezamina bir-reqqa u fit-tul ic-cirkostanzi li taw lok ghas-sitwazzjoni appena deskritta, illi jirrikorru r-rekwiziti biex jista' jigi ritenut li l-pretenzjonijiet tal-Awtorita` tad-Djar ghar-rizarciment tad-danni u tal-penali, stabbiliti fil-kontro-talba, huma fattwalment u guridikament inaccettabbli. Indipendentement mill-opposizzjoni tas-socjeta` kostruttrici illi mhux possibbli l-hlas tal-penali u tad-danni flimkien – konsiderazzjoni din mhux akkolta la fid-dottrina u lanqas fil-gurisprudenza (ara* ***"Rosario Merola pro et noe –vs-Salvatore Caruso"****, App. Civ., 20 ta' Frar, 1935 u* ***"Accountant Generali et –vs- Joseph Spiteri",*** *Prim' Awla, Qorti Civili, 28 ta' April, 2003) – hi l-affermazzjoni konsiderata tal-esponenti illi, kuntrarjament ghad-dedott, s-socjeta` appaltatrici ma tistax tigi, fic-cirkustanzi maghrufa, inkolpata b'inadempjenza meta kienu l-Awtoritajiet kompetenti infushom li kkrejaw qaghda ta' stallija minhabba nuqqas ingustifikata ta' kollaborazzjoni maghha. Fil-verita `, l-esponenti ma jistax jammetti b'affidament l-allegazzjoni ta' xi abbandun unilaterali jew kapriccjuz da parti tas-socjeta appaltatrici, u dan, multa magis, fir-riflessjoni ta' dik il-gustifikazzjoni illi kienet tintitola lis-socjeta` tiddomanda revizjoni fir-rati tax-xoghlijiet una volta li t-termini tal-appalt gew estensivament mibdula mill-Awtorita` kommittenti, u, dippju, s-socjeta kompliet bix-xoghlijiet assenjati anke wara s-suppost terminazzjoni.*

*Inversament, l-esponent konxjenzjozament ihoss illi, jekk kien hemm mankanza, dawn huma attribwibbli lill-Awtoritajiet kompetenti u s-socjeta` appaltatrici ghandha tigi indennizzata ghat-telf subit, oltre ghall-hlas tax-xoghlijiet li lahqet*

*ghamlet. Dan fit-termini tal-artikolu 1640(2) tal-Kodici Civili. Ara ghal dak li jiswa s-sentenzi tal-Prim' Awla, Qorti Civili fl-ismijiet* ***"Albert Sacco –vs- John Camilleri",*** *31 ta' Jannar 2003 u* ***"Alcansons & Company Limitied noe –vs- Tigne Development Company Limited"****, 28 ta' Lulju, 2004.*

*Maghmula din l-esposizzjoni ta' hsieb, l-esponenti jaghmel tieghu l-osservazzjonijiet u l-kummenti dedotti mill-Arbitru tekniku fil-lodo tieghu. Senjatament, dawk il-partijiet tieghu fejn jippreciżaw illi s-socjeta` appaltatrici ghandha tithallas l-ammont bilancjali flimkien mal-imghax ta' hmistax fil-mija (15%) tal-valur tal-ewwel tender biex ipatti ghall-perdita` tal-bejgh.*

*Finalment, hi l-opinjoni tal-esponenti illi l-ispejjes ta' dan l-Arbitragg ghandhom jitbatew mill-Awtoritajiet citatati, solidalment bejniethom.*

Illi l-appellanti Awtorita tad-Djar, id-Direttur tal-Kuntratti u l-Avukat Generali aggravati b'dan il-*lodo* arbitrali ressqu appell minnu abbazi tas-segwenti aggravvji:

1. It-Tribunal arbitrali kien legalment u fattwalment zbaljat meta qies li x-xoghol marbut mal-garr u t-tindif (*carting away*) tal-blat imhaffer minn fuq is-sit tax-xoghol ma kienx ikkontemplat fil-kundizzjonijiet tat-*tender* originali. Dan ghaliex dan ix-xoghol kien specifikatament inkluz fil-klawzoli G.4 u 31 tat-*tender document* u fil-klawsola 1.1 tal-*ispecifications tal-Works Below D.P.C. Level*. Illi anke jekk ghal grazzja tal-argument dan ix-xoghol kellu jitqies bhala xoghol zejjed, xortawahda s-socjeta appellata naqqset milli issegwi l-procedura stabbilita fil-klawsola G.24 tat-*tender document*. Finalment anke ir-regolament 77 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici kif applikabbli fiz-zmien tal-esekuzzjoni tal-kuntratt, jistabilixxi illi l-awtorita kontraenti kellha preventivament tikseb il-kunsens tad-Direttur tal-Kuntratti qabel tikkummissjona dana ix-xoghol zejjed.

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba imressqa mis-socjeta appellati ghal hlas ta' bilanc dovut fl-ammont ta' €89,813.54, ghalkemm l-appellanti ma jikkontestawx illi l-ammont hu dovut, madanakollu huma ma jaqblux illi ghandhom ihallsu l-imghaxijiet fuq dan il-bilanc. Dan ghaliex l-Arbitri naqqsu milli jaghtu decizjoni dwar it-talba imressqa ghal gudizzju taghhom dwar jekk il-kuntratt ta'l-appalt kienx terminat jew jekk kienx ghadu vigenti. Dan iwassal ghal konkluzjoni illi jekk l-kuntratt ta'l-appalt ghadu fis-sehh allura, kwalsiasi talba ghal hlas in konnessjoni ma' xi xoghol li gie esegwiet hija intempestiva billi l-appaltatur ghandu il-jedd jircevi il-hlas ghax-xogholijiet minnu imwettqa biss mat-terminazzjoni tal-appalt u kwindi l-ebda imghaxijiet ma jistghu jiddekorru fuq dan l-ammont gjaldarba il-kuntratt ghadu ma giex terminat. Illi fi kwalunkwe kaz l-appellanti ippruvaw ihallsu is-somma dovuta f'iktar minn okkazzjoni wahda, liema hlas izda baqa' ma giex accettat mis-socjeta appellata.

3. Illi t-Tribunal tal-Arbitragg kien legalment zbaljat meta tenna li s-socjeta rikorrenti kienet gustifikata jew ahjar intitolata illi titlob zieda fil-prezz minhabba awmenti fil-prezz tal-haddiema u tal-materjal. Dan ghaliex it-Tribunal kellu jimxi fuq il-principju tal-*pacta sunt servanda* kif regolat fl-artikolu 992 tal-Kodici Civili u mhux japplika dak dispost fl-artikolu 1639 ghal kaz in dizamina. Kwindi it-Tribunal ma setax jiddipartixxi minn dak miftiehem bejn il-partijiet fil-klawsola G.5 tat-*tender document*, kif ukoll ma setax imur kontra id-disposizzjonijiet tal-ligi li isawwru il-procedura tal-*public procurement* kif stabbilit fir-regolament 72 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, vigenti fiz-zmien tal-esekuzzjoni tal-kuntratt. Lanqas setghet tigi imhaddma 'l hekk imsejha procedura negozjata dwar l-irrinegozjar mill-gdid tal-kundizzjonijiet

ta'l-appalt billi ma kienx hemm l-okkorrenza ta' l-ebda wahda mill-kontingenzi indikati fir-regolament 72.

4. Illi finalment l-appellanti jilmentaw mill-fatt illi t-Tribunal ta'l-Arbitragg cahad il-kontro-talba minnhom imressqa u fejn gie deciz illi jekk s-socjeta appellata ma tithalliex tkompli bix-xogholijiet ta'l-appalt, allura l-appellanti kellhom ihallsuha 15% tal-valur tal-ewwel *tender* biex ipatti ghat-telf ta' qligh sofferti minnha u dan ghaliex l-appellanti kienu unikament jahtu ghal fatt illi s-socjeta appellata giet imqieghda f'qaghda ta' stall li ma thallitx twettaq l-appalt, u dana minghajr pronunzjament minn naha ta'l-Arbitri illi l-appellanti kienu itterminaw unilateralment il-kuntratt ta'l-appalt. Kwindi it-Tribunal ma setax ighaddi biex japplika dak dispost fl-artikolu 1640(2) tal-Kodici Civili gjaldarba ma giex stabbilit illi l-kuntratt ta'l-appalt kien gie terminat mill-appellanti b'mod unilaterali minghajr raguni valida.

Illi preliminarjament is-socjeta appellata tissolleva l-pregudizzjali dwar l-inammissibilita tal-aggravvji imressqa mill-appellanti u dan billi ma saret l-ebda referenza ghalihom waqt il-proceduri arbitrali, la gew sollevati eccezzjonijiet fit-termini legali imressqa fil-gravami migjuba 'il quddiem issa fi stadju ta' appell u lanqas biss jissemmew fil-*lodo* arbitrali. Dana billi appell minn decizjoni arbitrali hija cirkoskritta f'dak dispost fl-artikolu 70A(3) tal-Att dwar l-Arbitragg.

Illi jigi rilevat qabel kull konsiderazzjoni ohra illi decizjoni arbitrali tista tigi impunjata fil-limiti stretti ta'l-artikolu 70A(1) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, jigifieri "fuq punt ta' ligi li jitnissel minn decizjoni finali maghmula fil-procedimenti." In vista tal-pregudizzjali imqanqla mis-socjeta appellata, il-Qorti ghandha allura tivverifika jekk il-kontestazzjoni formulata mill-appellanti fejn

din tikkoncerna l-vjolazzjoni tal-ftehim kontrattwali u l-ksur tar-regolamenti 72 u 77 tar-regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, applikabbli fiz-zmien tal-ezekuzzjoni tal-kuntratt, tikkorrispondiex ezattament ghal kaz ta' impunjattiva skond kif stabbilit fil-ligi. Illi di piu' id-dettam ta'l-artikolu 70B(1) jipprovdi illi meta jsir appell taht l-artikolu 70A, l-appellanti ghandu jidentifika l-punt ta' ligi li ghandha tittiehed id-decizjoni fuqu u ghandu jispecifika t-tifsira li r-rikorrenti jallega li hi it-tifsira korretta tal-punt ta' ligi identifikat.

**"Jikkonsegwi minn dan illi hu dejjem necessarju li mill-att ta' l-appell jirrizulta liema hi n-norma vjolata ossija l-principju tad-dritt li l-appellanti jippretendi li gie lez. Li jfisser illi min jimpunja d-decizjoni ghandu jispecifika, fil-konkret, il-punt tal-ligi vjolat, u in aggunta igib in riljev il-punt u l-mod fejn l-Arbitru ddiskosta ruhu minnu. Irid jizdied illi mhix sufficjenti s-semplici kritika tad-decizjoni sfavorevoli formulata bi prospettazzjoni ta' interpretazzjoni diversa u aktar favorevoli minn dik adottata mill-Arbitru. Dan, ghaliex kritika f' din id-direzzjoni ma tistax hlief titraduci ruhha, in sostanza, ghal talba ta' l-accertament *ex novo* tal-fatti tal-kaz u dan, kif gja rilevat, hu inammissibbli;**

**Premess dan, …. irid jinghad illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi Artikolu 70B (1), ma jidherx li hu indispensabbli illi l-impunjattiva trid bilfors tikkontjeni indikazzjoni specifika ta' xi artikolu tal-ligi li jinghad li gie vjolat. Jibbasta li jigi pprecizat l-punt tal-ligi estratt mis-sentenza attakkata u li tinghata t-tifsira korretta dwaru.[1]"**

Issa minn qari akkurat ta'l-atti arbitrali kif ukoll tal-*lodo* impunjat ma jidhirx illi t-Tribunal inoltra ruhu f'ezami dwar ksur o meno tar-regolamenti indikati mill-appellanti fl-appell minnu intavolat, ghalkemm jidhol fl-interpretazzjoni tal-ftehim kontrattwali milhuq bejn il-partijiet. Inoltre lanqas fl-eccezzjonijiet minnhom imressqa ghat-talba tas-socjeta appellata ma jidher illi f'xi hin giet sollevata difiza f'dan is-sens.

[1] App.Inf. 14/03/2007 Maryanne Sciclunna vs Dr. Daniela Chetcuti

Illi hija linja gurisprudenjzali kostanti illi din il-Qorti bhala qorti ta' revizjoni hija prekluza milli tezamina eccezzjonijiet jew provi li ma gewx moghtija in prim'istanza. Dan apparti il-limitazzjoni imposta bil-ligi specjali li tirregola l-proceduri arbitrali hawn fuq riferiti.

Kwindi l-pregudizzjali tas-socjeta appellata tisthoqq akkoljiment u dana fejn l-impunjattiva tikkoncerna l-applikazzjoni tar-regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, izda il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-aggravvji *serjatim* xortawahda sabiex ikun jista' jigi identifikat ahjar fejn l-istess huma insostenibbli.

Illi fl-ewwel lok l-appellanti jilmentaw illi kien hemm nuqqas ta' applikazzjoni fil-*lodo* arbitrali tal-principju stabbilit fl-artikolu 992 u 993 tal-Kodici Civili tal-*pacta sunt servanda* u dana meta gie deciz illi is-socjeta appellata kellha tithallas ghax-xoghol ta' *carting away* u dana ghaliex l-istess ma kienx inkluz fil-ftehim originali milhuq bejn il-partijiet. Jishaq ukoll illi it-Tribunal ma applikax il-principji ta' dritt stabbiliti fir-regolamenti 72 u 77 tal-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici fil-*lodo* tieghu.

"***Illi l-ligi taghna timxi mar-regola li l-bidla jew zieda fix-xoghol miftiehem f'appalt ta' bini jew ta' "xoghol iehor kbir" ma taghtix jedd lill-appaltatur ghal zieda fil-prezz, sakemm dawk il-bidliet jew zieda ma jkunux gravuzi ghalih. Il-ligi ma jidhirx li taghmel distinzjoni – bhalma jidher li tezisti f'ligijiet ta' pajjizi ohrajn – bejn meta x-xoghol gdid jew zejjed ikun inholoq bla mahsub min-natura nnifisha tal-appalt u meta dak ix-xoghol ikun intalab mill-kommittent minn rajh. Jidher li l-kriterju wahdieni fil-ligi taghna huwa dak li l-bidliet ikunu ghamlu l-appalt moghti aktar gravuz ghall-appaltatur***.[2]"

Issa dak li ghandu jigi epurat f'dan il-kaz hu jekk fil-kuntratt iffirmat bejn l-appaltatur u l-Gvern, dina l-kontigenza kenitx giet mahsuba u ghalhekk inkorporata fil-ftehim. Illi qabel xejn din il-Qorti tippremetti illi l-kuntratt tax-xogholijiet milhuq bejn il-partijiet f'dan il-kaz kien mizghud b'intoppi u

[2] Alfred Vella Bord vs Accountant General deciza PA 06/10/2005

tibdiliet li kienu imorru lil hinn minn dak miftiehem originarjament. Ibda biex meta sar ix-xoghol tal-iskavar u dana sabiex jibda jithejja il-pedament tal-bini li kien ser jigi kostruwit, gie osservat illi l-blat kien dghajjef wisq biex jiflah ghal-piz tal-bini. Gara allura illi x-xoghol kellu jitwaqqaf sabiex jigi spezzjonat l-istrat geografiku tal-blat u bdew jinzammu xi studji li milli jihder damu ghaddejjin ghal zmien twil tant illi x-xoghol dam wieqaf ghal diversi xhur sabiex fl-ahhar imbaghad gie deciz illi jinbena pedament jew pjattaforma tal-konkos li ma kenitx prevista fl-appalt originali. Wara li gew maqbula iz-zieda fix-xogholijiet flimkien mar-rati u il-prezz ta'l-istess, is-socjeta appellata kompliet bix-xogholijiet u cioe' bil-kostruzzjoni ta' dina l-pjattaforma. Illi sabiex sar dan ix-xoghol kellu jinhareg r-radam jew il-materjal skavat li kien hemm fis-sit u ta' dan is-socjeta appellanti tallbet hlas zejjed. L-appellanti jinsistu illi il-kuntratt u cioe' it-*tender* kienet specifikatament fil-klawsoli numru G.4 u 31, ipprevediet tali sitwazzjoni ta' garr u tindif ta' skart goff u irregolat l-istess billi gie pattwit illi il-valur ta' dan ix-xoghol kien kompriz fil-prezz originali. Mhux hekk izda issostni s-socjeta appellata li tishaq illi il-*Bill of Quantities* ma kien jinkludi l-ebda prezz ghal *carting away* u dan ghaliex il-materjal eskavat mis-sit kellu jintuza ghax-xoghol tal-pedament bhala irdim jew "*filler*". Gara izda illi meta dan ma kienx aktar possibbli minhabba il-bini tal-pjattaforma ghaliex is-saff tal-blat instab li kien wiehed fragli, allura dan il-materjal ma setax iktar jintuza u kellu jinhareg mis-sit.

Illi minn qari tal-*lodo* arbitrali, li huwa maqsum f'zewg rapporti, wiehed tal-arbitru tekniku u l-iehor tal-arbitru legali, jirrizulta illi sar apprezzament tal-provi referibbilment ghal dan il-punt kontrovers fejn l-arbitri ikkonkordaw illi l-ftehim orginali u senjatament il-klawsoli indikati mill-appellanti ma kienx jinkludi il-prezz ghal dan ix-xoghol ta' *carting away*. Illi din il-Qorti ta' revizjoni hija allura prekluza milli tissindika dan l-apprezzament maghmul u dan ghaliex ma jattakka l-ebda punt ta' dritt kif affermat mill-appellanti fl-

impunjattiva taghhom, izda biss jinvolvi interpretazzjoni tal-klawsoli kontrattwali fid-dawl tal-apprezzament maghmul tal-provi mismugha. Illi lanqas ma issib xejn din il-Qorti x'ticcensura fil-fehma tal-Arbitri billi ghalkemm huwa minnu illi l-klawsoli kuntrattwali indikati mill-appellanti jitkellmu ukoll dwar ix-xoghol hekk imsejjah "*carting away*", mandanakollu jirrizulta mill-provi illi it-tindif tas-sit u tal-materjal kien konsegwenza tax-xoghol tal-bini tal-pjattaforma kif inghad iktar 'il fuq u ghalhekk certament ma setax ikun previst fil-ftheim originali. Stabbilit allura illi mill-provi u mix-xhieda irrizulta illi dan kien xoghol "*extra*" li inholoq meta gie deciz illi kellha tinbena il-pjattaforma tal-konkos, kwindi l-ewwel aggravvju kif impostat mill-appellanti ghar-rigward tal-ksur tal-patt kontrattwali konvenut bejn il-partijiet in konnessjoni ma' dawn ix-xogholijiet ma huwiex gustifikat.

Affermata kwindi dina l-interpretazzjoni dwar in-natura tax-xoghol ta' *carting away* bhala xoghol zejjed, l-appellanti jilmentaw illi xortawahda is-socjeta appellata naqqset milli toqghod ghal kundizzjonijiet miftiehma fil-kuntratt. Dan ghaliex l-appalt moghti lis-socjeta appellata kien wiehed ghal prezz fiss, u li ghalih kienu japplikaw espressament l-ispecifikazzjonijiet u kundizzjonijiet imfissrin fid-dokument tal-offerta u fil-kundizzjonijiet generali mahruga mill-Gvern, u li gew accettati mill-partijiet. Jidher ghalhekk li kienet giet miftiehma procedura partikolari li l-appaltatur kellu jwettaq meta jqis li kien sejjer jaghmel xoghol zejjed jew meta kien sejjer jintalab li jaghmel xoghol aktar minn dak kuntrattat. Dana jikkonstatah ukoll l-arbitru tekniku fid-decizjoni tieghu meta isostni:

"***Min-naha l-ohra, il-kuntrattur ma mexiex mar-regoli tal-kuntratt u ghamel talba fi zmien tmien gimghat, izda ghamel ix-xoghol kif ordnat u wara zmien twil ghamel it-talba.***"

Izda imbaghad ghadda biex stqarr illi gjaldarba meta gie ipprezentat il-kont, l-appellanti ma ikkontestawx l-ammont, allura l-istess kellu jigi mehud bhala accettat.

Il-Qorti, ma tistax taqbel ma dina il-konkluzjoni u dana ghaliex dak pattwit fil-kuntratt dwar il-possibilita ta' zieda jew varjazzjoni fix-xogholijiet u l-procedura li kellha tigi segwieta biex jintalab il-hlas zejjed, minkejja li l-appalt inghata ghal prezz wiehed, kien jikkostitwixxi rabta bejn il-kontraenti daqslikieku l-ligi nnifisha.

Illi s-socjeta appellata tishaq madanakollu, illi l-qrati taghna dejjem tbieghdu minn dan il-principju ta' dritt f'kuntratti ta' appalt fejn gie applikat il-principju o*mnia labor optat premium* u cioe' illi min jippresta servizzi ghandu dritt ikun ikkumpensat ghax-xoghol li jaghmel u ticita gurisprudenza fejn gie applikat dan il-principji. Illi il-Qorti ta'l-Appell kif kolleggjalment komposta fil-kawza fl-ismijiet Nicky Saliba vs Kunsill Lokali tan-Nadur[3] sahhqet illi gjaldarba x-xoghol li ghalih kien qieghed jintalab il-hlas kien xoghol zejjed li ma kienx inkorporat fil-kuntratt originali ta'l-appalt:

"***Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principji illi sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg tal-principju illi "Omnia labor, optat premium.***"

Illi maghmula dawn l-osservazzjonijiet legali u gurisprudenzjali, din il-Qorti tafferma illi huwa minnu illi l-ftehim originali milhuq bejn il-partijiet kien jikkontempla procedura cara u preciza li kellha tigi sewgieta meta l-appaltatur

[3] App.Sup. 02/03/2010

kellu jitlob hlas zejjed in konnessjoni ma’ xi varjazzjoni fix-xoghol, izda dan il-kaz jikkontempla sitwazzjoni ben differenti. Illi l-kontingenza li inqalghet hekk kif sar x-xoghol ta’l-iskavar certament ma kenitx prevista mill-ebda wiehed mill-kontraenti. Din is-sitwazzjoni li avverat ruhha ghalhekk inaspettatament wasslet sabiex kellhom isiru accertamenti u studji teknici u xjentifici sabiex jigi stabbilit fl-ewwel lok jekk il-progett setax jitkompla. Dan fil-fehma tal-Qorti biddel kompletament it-termini u il-binarji tal-ftehim milhuq ghaliex l-appaltatur kellu jitbieghed minn dak miftiehem ghar-rigward ta’l-andament tax-xoghol. Ibda biex, kif inghad, terrapin, gebel u skart iehor li kellu jintradam u jintuza fix-xoghol ta’ kostruzzjoni, issa kellu jigi rimoss sabiex b’hekk tinbena “struttura” ohra mhux prevista u cioe’ il-pjattaforma tal-konkos. Dan fisser allura illi dak stabbillit fis-sejha originali kellu jigi rikunsidrat tant illi anke it-termini taz-zmien ghall-esekuzzjoni tax-xogholijiet ma setghux jibqghu iktar rispettati minhabba f’din il-kontingenza. Ftehim li l-appaltatur kellu ma’ sub-kuntratturi dwar l-esekuzzjoni tax-xoghol kellhom jithassru u isiru kuntratti godda b’rati differenti. Ordnijiet ta’ materjal ukoll kellhom jinbiddlu jizdiedu. Ikun ghalhekk ingust illi f’sitwazzjoni bhal din l-appellanti jinsistu illi l-appaltatur jibqa marbut mal-ftehim originali tal-appalt. Dan fil-verita kien kaz ta’ rinegozjar mill-gdid billi dak pattwit ma setax jigi rispettat kif miftiehem originarjament. U kwindi l-Arbitru gustament hass illi f’cirksotanza bhal din kellu japplika dak dispost fl-artikolu 1639 tal-Kodici Civili, regola li tmur kontra l-principju tal-*pacta sunt servanda*, billi indubbjament dawn il-kondizzjonijiet godda kienu ser irendu l-esekuzzjoni tal-appalt iktar gravuza ghall-appaltatur[4]. Fuq kollox, izda, il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew **posterjorment ghall-kuntratt** jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi

[4] Francis Xavier Dingli vs Frank Cassar Torreggiani et. PA 15/01/1970

maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet. Illi ghalhekk il-Qorti thoss illi ghandha torbot dana l-aggravvju mat-tielet wiehed imressaq mill-appellanti u dana in konnessjoni mat-talba ghaz-zieda fir-rati miftiehma in konnessjoni mal-prezz tal-*manodopera* u tal-materjal.

Dan ghaliex ghal dawn ic-cirkostanzi impellenti ma kellhiex tahti s-socjeta appellata. Fil-fatt minhabba l-fatt li x-xoghol dam wieqaf ghal zmien twil u dan sakemm isiru l-ezamijiet u l-analizi tal-blat u s-saff geografiku tas-sit, kif diga gie affermat jirrizulta mill-atti illi kellhom jithassru diversi kontrattazzjoni li s-socjeta kienet ghamlet mas-sub-appaltaturi biex b'hekk sofriet hsara konsiderevoli oltre li sadanittant il-prezzijiet anke tal-*materia prima* gholew. Dawn il-fatti ippruvati gew mehuda in konsiderazzjoni mill-Arbitri fil-*lodo* impunjat u kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida 'il ghala ghandha tiddipartixxi minn dana l-apprezzament. Kwindi abbazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel u it-tielet aggravvji qed jigu michuda.

Illi fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici, ma jidhirx illi dan il-punt ta' dritt kien ifforma kontroversja bejn il-partijiet quddiem it-Tribunal u kwindi in linja ma'dak hawn fuq deciz, dina l-Qorti mhijiex ser tiehu konjizzjoni ta' dina l-impunjattiva kif impustata taht dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Illi l-istess jista' jinghad ghar-rigward tat-tieni aggravvju ta'l-appellanti. Illi fil-lanjanza imressqa minnu in konnessjoni ma' dan il-kap tad-decizjoni l-appellanti jistriehu fuq argumentazzjonijiet li ma gewx sollevati quddiem it-Tribunal. Fl-ewwel lok, jigi rilevat, illi l-appellanti ma humiex qed jikkontestaw il-hlas tal-bilanc dovut, izda qed joggezzjonaw ghal hlas ta'l-imghaxijiet fuq dana l-ammont u dana ghaliex iqiesu illi gjaldarba ma giex deciz illi l-kuntratt

ta’l-appalt gie terminat kwindi l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru biss mill-mument li jintemmu x-xogholijiet jew mill-mument li jigi terminat il-kuntratt ta’l-appalt u billi l-ebda wahda minn dawn il-kundizzjonijiet ma avverat ruhha kwindi l-ebda imghax ma hu dovut f’dana l-istadju. Ukoll tishaq illi gjaldarba il-hlas gie offrut f’zewg okkazzjonijiet u gie rifjutat kwindi huma ma ghandhomx ibatu il-hlas ta’ imghaxijiet fuq dan l-ammont.

Illi minn ezami ta’l-atti probatorji johrog bl-iktar mod lampanti illi l-ebda wiehed mill-appellanti ma ressaq xi eccezzjoni in konnessjoni ma’ din it-talba ghal hlas ta’ bilanc ta’ €89813.54 u mat-talba ghal hlas ta’l-imghaxijiet in konnessjoni ma’l-istess. Illi di piu ghalkemm jilmentaw illi t-Tribunal naqas milli jiddeciedi talba imressqa mis-socjeta appellata dwar jekk il-kuntratt ta’l-appalt kienx gie terminat o meno, madanakollu la ressqu aggravvju f’dana ir-rigward u lanqas giet segwieta il-procedura stabbilita fl-artikolu 47 u/jew 49 tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi ghalhekk l-appellanti ma jistghux issa iressqu lanjanzi godda f’dan l-istadju u dana bil-kritika lejn il-*lodo* impunjat illi dan naqas milli jaghti decizjoni fuq xi talba imressqa mill-partijiet. Illi l-impunjattiva sollevata inoltre ma tikkonformax ruhha mad-dettami ta’l-artikolu 70A u 70B tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta u kwindi l-pregudizzjali sollevata mis-socjeta appellata qed tigi milqugha u l-aggravju ghalhekk rigettat.

Illi fl-ahharnett l-appellanti jikkontestaw id-decizjoni arbitrali in konnessjoni mal-hlas ta’ danni u telf sofferti mis-socjeta appellati fl-eventwalita illi l-kuntratt ta’l-appalt jigi terminat u dan bir-rata ta’ 15% tal-valur tat-*tender* originali. Dini l-parti decizorja tal-*lodo* segwiet ic-cahda tal-kontro-talba imressqa mill-Awtorita appellanti ghar-risarciment tad-danni u hlas ta’ penali in konsegwenza tan-nuqqas ta’ esekuzzjoni tal-kuntratt tal-appalt mill-appaltatur. Jilmentaw illi minghajr pronunzjament minn naha ta’l-Arbitri illi l-appellanti kienu itterminaw unilateralment u minghajr raguni valida l-kuntratt ta’l-appalt, it-Tribunal ma setax ighaddi biex japplika dak dispost fl-artikolu 1640(2) tal-

Kodici Civili. Illi din il-Qorti diga ghamlet l-osservazzjonijiet taghha fir-rigward ta'l-ilment imressaq mill-appellanti dwar in-nuqqas ta' decizjoni minn naha tat-Tribunal in konnessjoni mat-terminazzjoni o meno tal-kuntratt ta'l-appalt. Illi l-ebda wiehed mill-appellanti wara li giet moghtija id-decizjoni mit-Tribunal ma adottaw il-procedura stabbilita fl-artikolu 47 u/jew 49 tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta. Lanqas ma tressaq xi aggravvju f'dan ir-rigward. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti tosserva illi dak li wassal ghall-istultifikazzjoni tal-esekuzzjoni tax-xogholijiet kien in-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet ghar-rigward tar-rati ghal hlas tax-xoghol li kellu jigi ezegwit. Illi s-socjeta appellata kienet ghamlitha cara illi hija ma kenitx ser tkompli bix-xoghol qabel ma tigi risolta dina l-vertenza u ghalhekk irreferiet l-kwistjoni ghall-arbitragg u dan kif mifithem fil-klawsola G.42 tal-kuntratt. Minn naha ta'l-appellanti huma fehmu illi is-socjeta appellata kienet ser tirtira mill-kuntratt u ghalhekk inbdew il-proceduri tas-sejha mill-gdid ghall-offerti li imbaghad gew mizmuma bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni mill-qorti fuq talba tas-socjeta appellata. Dan ifisser illi gjaldarba il-vertenza dwar jekk is-socjeta appellanti ghandhiex jedd ghaz-zieda fir-rati issa giet risolta ma hemm xejn x'josta mit-tkomplija tal-esekuzjoni tal-kuntratt ta'l-appalt u kwindi l-kontro-talba tal-Awtorita appellanti kienet certament prematura.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u il-lodo appellat ikkonfermat.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ikunu ghak-karigu ta'l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------